# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-98 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 9 ta'Marzu 2011 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**98/01 Talba**

**98/01/01** Il-laqgha bdiet fis-6.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**98/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 97**

**98/02/01** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti tal-laqgha tal-Kunsill nru 97. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**98/03 Punti mtella' mill-minuti**

**98/03/01** ***Para 97/03/02 – Xoghlijiet fi Triq San Gwann***: Is-Sindku ikkonferma li x-xoghlijiet principali issa kienu tlestew u kien jonqos biss li jsiru l-*markings*. Gie unanimament deciz li dawn ghandhom isiru kif kienu qabel filwaqt li d-*double yellow line* vicin ir-residenza Ta' Zannar jinbidel ma wiehed *single* kif ukoll is-*single white line* min-naha tan-Naxxar ghandu jitwassal sal-*hump* u ghandu jigi ipprojbit l-ipparkjar ta' vetturi quddiem l-ewwel residenza min-naha tan-Naxxar.

**98/03/02** ***Para 97/03/03 – Xoghlijiet taht l-iskema PPP***: Is-Sindku spjega li l-gimgha li ghaddiet kienet saret laqgha mal-Perit Debattista li kien qed jirraprezenta lis-sidien ta' residenza fi Triq Ghaxqet l-Ghajn (*Part 4*) u li ghaliha flimkien mieghu kien attenda wkoll il-Kunsillier A. Muscat, il-Perit tal-Kunsill u l-Agent S.E. Huwa qal li l-Perit Debattista talab li jsir tindif tal-*culvert* permezz ta' *power wash* ghaliex hu tal-fehma li dan il-*culvert* hu mizdud. Il-Kunsill ma kienx qed jaqbel ma din il-fehma. Kienet saret talba f'dan is-sens lill-WSC izda wara li dawn qalulna li ma kellhomx l-apparat mehtieg, it-talba saret lil-TM. Gie unanimament deciz li jekk it-TM ma tilqax it-talba taghna ghandhom jingiebu kwotazzjonijiet ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk l-ispiza involuta tkun wahda gholja r-resident ghandu jintalab sabiex jiffinanzja parti minn din l-ispiza.

Is-Sindku nforma li li TM kienu approvaw li tehel *crash barrier* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn (*Part 4*) u ghalhekk issa kienet ser issir talba sabiex l-istess TM tiffinanzja l-provvista u t-twahhil ta' din il-*crash barrier*.

Huwa nforma wkoll li l-Kunsill kien ircieva ilmenti li s-sid ta' Villa Reverie fi Triq

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


Ghaxqet l-Ghajn kien ghamel *planters* fuq art pubblika wara li kien sar ix-xoghol tat-tarmak. Dawn l-ilmenti kienu gew mghoddija lill-MEPA sabiex jigu investigati.

Rigward Triq tal-Ferha s-Sindku nforma li l-Kuntrattur kien ghadu ma ghamilx ir-*reinstatement* tal-parti fejn hemm il-*patch* skond il-parir tal-Perit tal-Kunsill. Gie unanimament deciz li jigi suggerit lill-Kuntrattur sabiex jikkunsidra iwitti u jiksi bil-konkos bicca art mal-genb tat-triq bhala kumpens tal-*patch* fit-triq. Jekk il-kuntrattur ma jaccettax allura ghandna ninsistu li jsir xoghol ta' *patching* kif rakkomandat mill-Perit filwaqt li tingieb stima sabiex titwitta u tinkesa bil-konkos l-imsemmija art pubblika.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:30 pm***

**98/03/03** ***Para 97/03/04 – Bozza moghttija bis-Sigar***: L-Agent S.E. informa li s-sid kien lest li jtawwal l-arm tal-bozza pero l-kuntrattur kien insista li dan ma kienx possibbli, Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li ghandna ninsistu mal-kuntrattur sabiex jaccetta l-proposta tas-sid. Huwa qal ukoll li sadanittant kienet saret talba lill-Enemalta sabiex din il-bozza tinqala minn fejn hi u tehel fuq arblu a spejjez tal-istess korporazzjoni.

**98/03/04** ***Para 97/03/05 – Hmieg tal-Hamiem***: L-Agent S.E. informa li kien kellem lis-sid li nfurmah li kien ghadu qed jistenna minghand l-importatur tal-*bird spikes* tal-plastik sabiex ikun jista jara dawn humiex accettabbli ghall-Enemalta.

**98/03/05** ***Para 97/03/06 – Restawr Pittura***: Is-Sindku nforma li kif jaf kulhadd din ic-cerimonja kienet saret il-gimgha li ghaddiet u kollox mexa kif ippjanat. L-Agent S.E. wera lill-membri tal-Kunsill il-plakka li kienet giet ordnata ghall-okkazjoni. Il-Kunsillier A. Muscat u l-Agent S.E. spejgaw kif din il-plakka tvarja minn dik kif originarjament giet ordnata. Fic-cirkustanzi gie unanimament deciz li din tigi accettata kif inhi jekk is-*supplier* ikun lest jghati *discount* lill-Kunsill. Jekk din il-proposta ma tigix accettata ghandha tigi ordnata plakka ohra. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb il-plakka l-gdida.

**98/03/06** ***Para 97/03/07 – Festival tal-Halib 2011***: L-Agent S.E. spjega li l-laqgha ma' ufficcjali mill-MRRA ma kienitx saret kif ippjanat minhabba li kienu nqalghu xi problemi. Peress li qed jaghfas iz-zmien, gie unanimament deciz li ghandna nkomplu nsegu lill-ufficjali mill-MRRA mill-qrib sabiex kollox jimxi sew.

**98/03/07** ***Para 97/03/09 – Problema ta' l-ilma fi Triq San Gwann***: Is-Sindku spjega li wara l-ahhar laqgha huwa kien kiteb lill-ufficjal fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fejn talbu sabiex tigi kkunsidrata l-possibilta li l-ilma li jintehha minn Triq San Gwann ma jintefax direttament fi Sqaq il-Hofra izda sabiex dan jintefa go giebja sabiex ma ssirx hsara lill-bdiewa li ghandhom l-ghelieqi taghhom fi Sqaq il-Hofra. Huwa qal li kien ghadu qed jistenna risposta mill-MRRA dwar dan il-kaz.

**98/03/08** ***Para 97/03/12 – Bankina fi Triq Stiefnu Zerafa***: L-Agent S.E. informa li konna nfurmajna lil min kien ghamel l-ilment/suggeriment bid-decizjoni tal-Kunsill.

**98/03/09** ***Para 97/03/13 – Parking Bays fi Triq Dun Salvatore Zarb***: L-Agent S.E. informa li huwa kien kellem lill-mara ta' min kien ghamel l-ilment fejn spjegalha li fic-

cirkostanzi l-Kunsill ma jistax jintervjeni aktar.

**98/03/10** ***Para 97/08/01 – Laqgha Gharghur FC***: Is-Sindku spjega li huwa kien attenda ghal laqgha li membri tal-Gharghur FC kellhom ma ufficcjal mis-Segretarjat responsabbli mill-Isport u spjega l-parir li inghatajna bil-ghan li forsi jinkisbu fondi ghall-*ground*.

**98/03/11** ***Para 97/08/03 – Huggiega ta' San Gwann*** : Il-Kunsillier P. Fenech informa li minhabba diversi ragunijiet, hu ma kienx ghadu nteressat li jorganizza din l-attivita. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li jekk ma jsirux arrangamenti alternattivi din l-attivita' ma ssirx. Gie unanimament deciz ukoll li l-quddiem tigi ikkunsidrata l-possibbilita' li isir *re-enactment* meta jinfetah ix-xelter.

**98/03/12** ***Para 97/08/06 – Servizz ta' Accountant*** : Is-Sindku nforma li nhar it-Tnejn flimkien ma' l-Agent S.E. huwa kellu laqgha ma' Sinj. M'Rose Pace li kient tefghet l-orhos offerta ghal dan is-servizz. Huwa qal li mid-diversi mistoqsijiet li huwa flimkien mal-Agent S.E. ghamlu, jidher li s-Sinj. Pace taf x'inhu mistenni minnha kif ukoll hija ippreparata ghal dan ix-xoghol u ghandha l-esperjenza mehtiega. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li tinghazel is-Sinj. Pace ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq u s-Sindku flimkien ma' l-Agent S.E. gew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-kuntratt f'isem il-Kunsill.

**98/03/13** ***Para 97/06/01 – Talba ghal Rampa fi Vjal ir-Repubbklika*** : L-Agent S.E. informa li wara li kien mar fuq il-post kien tkellem ma min kien ghamel it-talba u spjegalha li biex isir dak li talbet kienet ser tinholoq problema ohra fuq il-livell bejn il-bankina u l-parapett taghha. Fic-cirkostanzi u bi qbil mal-persuna kkoncernata, gie unanimament deciz li ma jsir xejn aktar fuq din it-talba.

**98/03/14** ***Para 97/06/02 – Mother & Baby :*** L-Agent S.E. informa li kienu wehlu l-*posters* dwar din l-inizjattiva u li sa issa kienu urew l-interess taghhom 3 persuni.

**98/03/15** ***Para 97/07/02 – Community Chest Fund :*** Is-Sindku nforma li l-ammont migbur mill-Kunsill kien gie pprezentat lill-Ecc. Tieghu il-President ta' Malta waqt cerimonja li saret il-gimgha li ghaddiet.

**98/03/16** ***Para 97/07/04 – Belt Kapitali tal-Kultura 2018 :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien attenda ghal laqgha dwar din l-attivita' fejn kien gie spjegat li Malta kienet ser tinnomina post wiehed li probabilment kien ser ikun il-Belt Valletta bl-attivitajiet li jridu jsiru jkunu mxerrda madwar Malta u Ghawdex kollu. Huwa qal li ghal din l-attivita' li ser iddum sena shiha, minbarra l-ghajnuna mill-UE u l-Gvern Centrali kiena mehtiega dik ta' *sponsors* privati.

**98/03/17** ***Para 97/07/05 – General Fitness Classes :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien ser jattendi ghac-cerimonja fejn kienet ser issir il-prezentazzjoni ufficcjali ta' din l-inizjattiva.

**98/03/18** ***Para 97/07/08 – Nazzareno Vassallo Award :*** L-Agent S.E. informa li ghal dan il-premju kien gie nnominat il-Kunsillier A. Muscat li huwa responsabbli mill-Qasam tal-Anzjani fir-rahal minhabba l-hidma tieghu f'dan il-qasam. Il-Kunsill

unanimament approva din in-nominazzjoni.

**98/03/19** ***Para 97/07/09 – Progetti Studenti Turizmu :*** Il-Kunsillier M. Mifsud informa li huwa kien ser jiltqa mal-persuna responsabbli minn dan il-progett sabiex jikseb aktar informazzjoni.

**98/03/20** ***Para 97/07/13 – Measures 313 u 125 :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien attenda ghal laqgha li saret mill-GAL Majjistral dwar is-suggett fejn kien gie ssuggerit li fost l-ohrajn isir *trail* madwar il-*Victoria Lines.* Huwa qal li sadanittant il-Kunsill kien gie nfurmat li hemm il-possibilita' li jinghata s-somma ta' € 70,338.60 taht il-Fond 313 bhala rizultat ta' applikazzjoni li kienet saret fl-2009 u ghalhekk ghalissa ghadu ma gie deciz xejn dwar il-partecipazzjoni taghna fl-iskema mnedija mill-GAL Majjistral. Gie unanimament deciz li ghal dan il-ghan, il-Kunsill jiftah *Savings Account* mal-BOV (Naxxar) u li s-Sindku u l-Agent S.E. ikunu l-firmatarji (*jointly*).

**98/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**98/04/01** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / mhallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

**98/04/02** Giet approvata unanimament il-lista ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Frar 2011 wara li din il-lista kienet intbghatet mal-iskeda ta' pagamenti.

**98/05 Ilmenti u Suggerimenti**

**98/05/01** Talba sabiex bankina fi Triq il-Gnien titranga b'tali mod li jkunu jistghu jitilghu fuqha *wheelchairs* u *pushchairs.*

Din it-talba giet unanimament approvata u gie deciz li x-xoghol isir mill-haddiema tad-Dipt. tad-Distretti.

**98/06 Korrispondenza**

**98/06/01** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li rigward l-Enforcement Notice dwar il-bini tal-Kunsill ghandhaa ssir laqgha mal-Perit li kien responsabbli mill-bini.

**98/06/02** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Affarijiet tal-Konsumatur dwar konferenza fl-okkazjoni tal-Jum Dinji ghad-Drittijiet tal-Konsumatur.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsillier A. Muscat jattendi ghal din il-konferenza.

**98/06/03** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar konferenza dwar il-hENCE li ser issir f'Malta.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku ikkonferma li ser jattendi.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**98/06/04** Korrispondenza minghand il-MEUSAC dwar sessjoni ta' nformazzjoni dwar Emissjonijiet Industrijali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**98/06/05** Korrispondenza minghand id-Dipt. ta' l-Artijiet dwar l-ghalqa fi Triq San Gwann.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**98/06/06** Korrispondenza minghand il-WasteServ dwar il-*Bring-In Site* fi Triq San Gwann fejn gejna nfurmati li l-MEPA kienet qed tistenna korrispondenza mid-Dipt. tas-Sahha.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**98/06/07** Korrispondenza minghand TM fejn inhareg il-permess sabiex tehel *Crash Barrier* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**98/06/08** Korrispondenza minghand il-GAL Majjistral dwar il-Mizuri 313 u 125.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**98/06/09** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar laqgha li ser issir dwar il-Politika Nazzjonali ghall-Ambjent.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier P. Fenech ikkonferma li ser jattendi.

**98/06/10** Korrispondenza mill-Kunsill Lokali Pembroke dwar l-ECAD.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill ma jissihibx f'din l-organizzazzjoni.

**98/06/01** Korrispondenza minghand l-Ispettur tad-Ditrett dwar *Car Show* li ghandu jsir fis-27 ta' Marzu 2011 fi Triq l-Oratorju u parti minn Triq Emm. Perren organizzat mill-*Mystic Pub*.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li nissuggerixxu lill-organizzatur sabiex din l-attivita ssir fit-3 t'April 2011 waqt il-Festival tal-Halib.

## 98/07 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**98/07/01** Fuq mistoqsijiet tal-Kunsillier P. Fenech, is-Sindku nforma li :

Dwar il-*Bring-In Site* fi Triq San Gwann konna qed nistennew li l-applikazzjoni tigi accettata u finalment approvata mill-MEPA.

Dwar l-*embellishment* tal-vicinanzi tat-Torri tas-Semaforu u tabella gdida ta' Merhba l-Kunsillier M. Mifsud ghadu qed jahdem fuq id-disinn.

Rigward ix-xelter fi Triq Ferdinand sa tmiem il-gimgha ghandu jigi l-haddied tad-Dipt. tad-Distretti sabiex jara x-xoghol li jrid isir.

Rigward il-Progett ta' *embellishment* ta' fejn hemm il-monument fil-Pjazza, ninsabu

nfurmati li dan ghandu jigi nkluz fil-programm ta' xoghlijiet ta' din is-sena.

Rigward id-devoluzzjoni tas-*Searchlight Battery* ninsabu nfurmati li t-talba taghna ghadha qed tigi evalwata mid-Dipt. ta' l-Artijiet. Kien hemm qbil li nsegwu mill-qrib il-kaz mad-Direttur Generali l-gdid.

Rigward l-installazzjoni ta' ATM fir-rahal, l-ebda bank ma wera interess hlief il-BOV li kien ricentament infurmana li kien ghadda t-talba taghna lid-Dipt. koncernat ghall-evalwazzjoni tieghu.

**98/07/02** Gie unanimament deciz li ghandna nkellmu Prokuratur Legali dwar il-*Bye Laws* li qed jipproponi l-Kunsill dwar Ghar San Brinkat. Il-*Bye-Laws* ghandha tinkludi li ma jistghux isiru attivitajiet li fihom jintuza n-nar bhal BBQs kif ukoll li kull attivita li jkunu ser jiehdu sehem fiha aktar minn 10 persuni ghandha jkollha l-permess bil-miktub tal-Kunsill.

**98/07/03** Is-Sindku spjega li l-gimgha l-ohra flimkien mal-Kunsillier A. Muscat u l-Agent S.E, kellu laqgha ma Sean Fitz li ghandu kumpanija li ser tiehu hsieb tinstalla numru ta' *electronic advertising boards* f'diversi postijiet. Huwa qal li dawn il-*boards* ser ikollhom 7 reklami u li wiehed minnhom ser ikun ghall-uzu esklussiv tal-Kunsill u li dan ir-riklam jista jinbidel sa 5 sarbiet fis-sena minghajr ebda hlas ghall-Kunsill.

Gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jitlob li flok 5 darbiet ghandu jkollna 6 riklami f'kull sena kalendarja (li jista jinkludi wkoll il-bejgh ta' riklam bi hlas) kif ukoll li bhala postijiet fejn dawn jistghu jehlu ghandna nissuggerixxu l-Pjazza, Ix-Xwieki fejn il-harruba tat-triq tal-Balal jew fejn kien hemm it-*Telephone Box* u fi Triq San Gwann (2 postijiet differenti).

**98/07/04** L-Agent S.E. ipprezenta l-kwotazzjonijiet li konna rcivejna ghall-provvista' ta' *Stationery* inkluz *photocopy paper* u minn analizi jirrizulta li 2 *suppliers* ghandhom prezzijiet l-stess specjalment fejn tidhol il-karta li minnha nixtru l-aktar matul is-sena. Huwa qal li peress li wiehed minn dawn is-*suppliers* huwa s-*supplier* prezenti, CSD Office Trade u li qatt ma kellna problemi mieghu, huwa kien qed jirrakkomanda li tintghazel l-offerta tieghu. Il-Kunsill unanimament approva din ir-rakkomandazzjoni.

**98/07/05** Is-Sindku ta dettalji dwar laqgha li saret fl-ahhar jiem mal-Kappillan dwar diversi suggetti.

**98/08 Aggornament**

**98/08/01** Il-laqgha giet aggornata fid-9:00 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar il-Hamis 24 ta' Marzu 2011 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **24 ta' Marzu 2011** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |